**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Jeffrey Cassar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 258584M.**

***Kumpilazzjoni Nru.266/2016***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jeffrey Cassar u ċioè talli:

1. Nhar it-28 ta' Frar, 2010, għall-ħabta tal-23:35 hrs ġewwa l-ħanut bl-isem 'JimCam' sitwat fi Vjal l-Indipendenza, l-Mosta, ikkommetta serq ta' għodda u ċjoe *spray guns* għad-dannu ta' Ġamri Camilleri u/jew ta' persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li huwa akar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bi ksur tal-Art 261(b)(c)(f), 263, 264(1), 267, 270, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mezz, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobli u ċjoè apertura u/jew vetrina tal-ħġieġ għad-dannu ta' ta' Ġamri Camilleri u/jew ta' persuna/i

oħra liema ħsara ma taċċedix l-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) iżda hija ta' aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250);

3. Fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv skont sentenzi mogħtija lilu, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-Art 49, 59 u 289 tal-Kap 9;

4. Kiser ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Maġistrat L. Quintano LL.D. tat-22 ta' Ġunju, 2009, għal-perjodu ta' tliet snin liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula skont l-art 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-3 ta' Novembru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Saviour Baldacchino** spjega kif fit-28 ta' Frar, 2010, fl-Ghassa tal-Mosta gie rappurtat minn persuna hoss kbir ta' hgieg jinkisser mill-hanut 'Jimcam', f'Indipendence Avenue, l-Mosta. Din il-persuna qalet li kienet rat 4 zghazagh jigru ghal go vettura x'aktrax Isuzu jew Mitsubishi. Kif il-pulizija wasslet fuq il-post sabu lid-derubat John Mary Camilleri. Irrizulta li nsterqu 8 *spray guns* stmati li jiswew mal-€4,600 billi giet mkissra il-vettrina tal-faccata ma genb il-bieb tal-hanut.[2] Sussegwentement fl-2013, il-pulizija rceviet informazzjoni ulterjuri li l-imputat kien involut f'din is-serqa u bil-kunsens tal-imputat ittiehdu l-impronti digitali tieghu quddiem il-Magistrat. Dawn gew mqabbla ma

[1] Fol.167
[2] Fol.99

dawk misjuba fuq ix-xena tad-delitt.[3] Lill-imputat ittihdietlu stqarrija izda hu ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda fir-rigward tas-serqa msemmija.[4]

Illi **PC1511 Kevin Tabone** xehed kif wara rapport anonimu dwar tkissir ta' hgieg fil-hanut 'Jimcam', mar fuq il-post *"hemmhekk sibna shutter maghluq bil-qisu kellu l-vireg kbar hekk fejn tista' tidhol idek bil-hgieg ta' gewwa mkisser u hafna ghodod u affarijiet kienu neqsin minn fuq l-ixkafef….. Fuq il-post stabbilixxejna li kien hemm …. xi guvintur hekk bejn 20, 25 sena jaqbdu xi affarijiet minn gol-hgieg minn gol-vettrina jghabbuhom fil-karozza u telqu bihom. U minn dakinhar mill-investigazzjoni ghax jien kont assistejt lis-Surgent 455 stabbilixxejna li kienu nsterqu xi spray guns minn gol-vettrina u ttiehdu minn hemmhekk."*. Spjega li l-isgass sar minn gox-*shutter* tal-hadid li kien ikopri l-vettrina.[5]

Illi **John Mary Camilleri** sid il-hanut bl-isem 'Jimcam' li jinsab il-Mosta u li jbiegh zebgha, *spray guns* u apparat simili, xehed li kien safa' misruq fil-lejl fi Frar, 2010.[6] Is-serqa sehhet wara li tkisssret il-vettrina l-kbira li qeghda mal-faccata tal-hanut u li minnha nsterqu doversi *spray guns* u xi oggetti ohra li l-valur taghhom kien ta' madwar €1,300.[7] Minn dokumentazzjoni esebita minnu jirrizulta li l-ammont tal-oggetti misruqa kien ta' €<u>1,836.40</u>.[8] Mill-istess dokumentazzjoni jirrizulta li t-tiswijiet fuq il-vettrina li sfat mkissra fil-kors tas-serqa lahhqu l-ammont ta' €<u>200</u>. In kontro-ezami kkonferma li hu ma kienx ikun fil-hanut u ghalhekk ma gharrafx lill-imputat.[9] In kontro-ezami jirrikonoxxi d-diskrepanza bejn l-istima li nghatat lill-perit tekniku u l-ammont li abbazi tieghu gie saldat il-*claim* mal-kumpanija assikuratrici.[10]

Illi jidher li din id-diskrepanza temana mill-fatt li d-derubat ghamel stima bbazata fuq is-*selling price* u dik mibghuta minn bintu lill-kumpanija assikuratrici fuq il-*cost price plus shipping*, cioe` dak li effettivament hallsu ghalih meta importaw l-oggetti derubati. Ghalhekk l-ammont li ser jigi

---

[3] Fol.99-100
[4] Fol.29-30
[5] Fol.125
[6] Fol.93
[7] Fol.94-95
[8] Fol.139
[9] Fol.129-130
[10] Fol.176-177

kkunsidrat minn din il-Qorti hu dak dikjarat lil Island Insurance Brokers Ltd.[11] u cioe` l-ammont at *cost price* li ammonta ghal **€1,836.36**.

Illi **James Camilleri**, bin John Mary spjega li hu kien salesman fil-hanut 'JimCam Auto Centre'. Wara li xi hadd kien cempillu biex jgharfu bis-serqa hu ghamel rapport mal-Pulizija, mar mill-ewwel fuq il-post u sab *"Ix-shutter kien ikollu qisu gradilji hekk kwadri rectangles, kisser il-hgiega min hu u dahhal idejh …Hemm qisu rectangles u dan min hu ha kollox minn bejniethom speci, dahhal idejh minn bejniethom… [insterqu] affarijiet differenti spray guns u ghodda tal-ispray."*[12] In kontro-ezami kkonferma li jekk klijent ried jara xi oggett mill-vettrina hu kien jurih dak l-oggett.[13]

Illi **Mark Chetcuti** xehed kif zmien ilu bil-lejl, sema hgieg jinkiser, hareg jittawwal mill-gallarija u ra nies jigru. Kien ra il-hgiega ta' barra tal-hanut 'Jimcam' mkissra minn wara x-*shutter*.[14]

Illi fil-kors tal-inkjesta magisterjali li nfethet dakinhar tas-serqa, kien gie nominat l-espert **Joseph Mallia** li wara ezami komparativ bejn l-impronti li nstabu fuq ix-xena tad-delitt u dawk tal-imputat, kien ikkonstata li kien **sab xejn inqas minn *"wiehed u tletin (31) punt karatteristiku identiku*** *u ko-ordinati ma' xulxin bejn l-ingrandiment ta' l-ewwel u t-tieni impronti kif zvillupati permezz tal-aluminium powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acitate sheet trasparenti document 10 AKA 301 bil-kulur invertit u l-ingrandiment ta' partijiet mill-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija ta' Jeffrey Cassar,…"*.[15]

Dan wassal lill-abbli espert jikkonkludi li:

***"1. L-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz ta' lifter document <u>10 AKA 301</u> taqbel u ghalhekk hija identika ma' parti mill-marka tas-saba l-werrej tal-id il-lemija ta' Jeffrey Cassar, detentur tal-karta tal-identita` numru 0258584(M).***

***2. Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz ta' lifter document <u>10 AKA 301</u> taqbel u ghalhekk hija identika ma' parti mill-marka tas-saba l-***

[11] Fol.135
[12] Fol.154
[13] Fol.155
[14] Fol.164
[15] Fol.12 ta' Dok. JM3 a fol.88

***werrej tal-id il-lemija ta' Jeffrey Cassar, detentur tal-karta tal-identita` numru 0258584(M)."***[16]

Illi fir-relazzjoni konguntiva taghhom **PS171 Karl Glanville** u **PS465 Daniel Abela** kienu elevaw *lifter* minn fuq kontenitur tal-pastic li kien fil-vettrina liema lifter kien mmarkat bhala **10 AKA 301**;[17] precizament il-*lifter* ta' impronta digitali li l-espert Mallia irrizulta identika ma dik tas-saba tal-imputat kif inghad!

Illi l-imputat **Jeffrey Cassar** ghazel li jixhed u qal li gieli mar jixtri zebgha mill-hanut derubat. Qal li fil-hanut kien *self-service* fejn tiehu dak li trid tixtri imbghad tmur bihom fuq il-bank, Zied li kien ikun hemm mara u mhux is-sinjuri li xehdu (inkluz James Camilleri li qal li hu kien ikun fil-hanut). Kompla li gieli talab jara xi affarijiet li kienu jkun esebiti fil-vettrina[18] fosthom xtara *spray guns* u li kien imur il-hanut regolari u ghalhekk kienu jafuh sew.[19] Mitlub mill-qorti jispjega ghaliex kellu jinstab impronta digitali tieghu fuq oggett li baqa ma nxtarax minnu jghid *"jekk inti dilettant tal-ghodda, tista tara' oggett u terga' titfghu f'postu jew tghidilha turihulek u jiena hemmhekk kont immure…Kont immur hafna…inti meta tkun tmur hafna go haunt tigi qisek naqra bil-kunfidenza gol-hanut."*[20]

Jigi mfakkar li James Camilleri in kontro-ezami kkonferma li ghalkemm kien ikun huwa stess li jiddealja man-nies fil-hanut **lill-imputat ma kienx jafu u lanqas ma gharrfu.**[21] Suggerit lilu mid-difiza li tazzi fejn tithallat iz-zebgha kienu jinghataw b'xejn ix-xhud hu kategoriku:

*"Xhud: Dik hija tazza, ma tinghatax b'xejn. Dik hija tazza li tkun ma' gun. Mall-kit tal-gun, **ma johodha hadd b'xejn dik**. ...*

*Avukat: Le jiena ghidt tinghata b'xejn. Jigifieri dik turu fuqha kemm trid taghmel mix u hekk?*

[16] Fol.14 tar-relazzjoni tal-espert Mallia mmarkata bhala Dok. JM3 a fol.88
[17] Fol.75
[18] Fol.191
[19] Fol.189
[20] Fol.190
[21] Fol.172

*Xhud:* ***Le <u>ma nuru xejn</u> dik fil-vetrina ma jmissha hadd****. Ghax il-measuring cups huma measuring cups differenti imma* ***dik hija adekwata ta' ma' gun, dik ma tintmess minghand hadd****. .....*

*Avukat: Pero gieli turu, ghax kif xehedt qabel gieli n-nies isaqsuk u turihom l-affarijiet.*

*Xhud:* ***Imma gun dik it-tazza mhux ha nurih it-tazza, t-tazza fil-bagalja hemm ma mmissiex, m'ghandix ghalfejn immissha****..."*[22]

L-imputat jigi <u>kategorikament kontradett</u> minn Camilleri anke dwar il-fatt li **l-oggetti li kienu jkunu fil-vettrina ma kienux jinhargu biex jigu murija lil xi klijent**, hekk kif ipprova jaghti l-impressjoni l-imputat sabiex jittenta jispjega kif impronti digitali tieghu kienu fuq parti minn sett ta' spray gun:

*Xhud:* ***Le ma nuru xejn dik fil-vetrina ma jmissha hadd.*** *.... dik ma tintmess minghand hadd.*

*Qorti: Jigifieri din ma tintmiss minghand hadd.*

*Xhud:* ***Fil-vetrina qeghda on show, on display.***

*Qorti: Il-vetrina maghluqa kif tkun?*

*Xhud:* ***Il-vetrina maghluqa.***[23]

Ghalhekk filwaqt li l-imputat jghid li l-hanut kien wiehed ta' *self-service,* Camilleri jemfassiza **mhux biss li t-tazza ma kienitx tintmess izda aktar minn hekk li l-vetrina kienet tkun maghluqa**!!

Jinghad mill-ewwel li din ix-xhieda tal-imputat hi wahda **nieqsa minn kull forma ta' korroborazzjoni u priva minn kull ombra ta' kredibbilita`**:

a) Dak li jixhed l-imputat jikkontrasta bil-qawwa ma dak li xehed James Camilleri li sostna li hu kien ikun il-hanut u li l-imputat ma

[22] Fol.173
[23] Ibid.

kienx jafu u qatt ma rah! Altru li kien anke rabba l-kunfidenza l-imputat kif jixhed!

b) Jekk sond hu l-mara li kienet taqdieh kienet ghada tkun il-hanut salgurnata tallum[24] ma kien hemm xejn x'jimpedieh milli jressaqha bhala xhud. Dan ma ghamlux, ghaliex?

c) Lanqas ma offra spjegazzjoni plawzibbli u kreddibli ghaliex kien fiz-zmien approssimattiv ta' meta sehhet is-serqa kellu bzonn jara dan l-ispray gun, anzi it-tazza tieghu li kull ma hi bott fejn tintefa' iz-zebgha[25] u mhux il-makkinarju propju (is-*spray gun* innifsu[26])!

d) Hu ferm interessanti li minkejja li, skond l-imputat, kulhadd seta' jaqbad l-oggett mill-vettrina biex jarrah, l-unici impronti digitali elevati minn fuq it-tazza kienu tieghu!

e) Filwaqt li Cassar jghid li l-hant kien wiehed *self-service*,[27] Camilleri – is-salesman fil-hanut- jinsisti li l-vetrina kienet tkun maghluqa u l-oggetti fiha ma kellhomx ghalfejn jintmessu.

**Il-Qorti tistaqsi minn tant spray guns li l-imputat talab jara tul iz-zmien li kien jiffrekwenta l-hanut – dejjem kif qal hu - u minn tant spray guns li kien ibiegh dak il-hanut, l-impronta tal-imputat kellha tinstab precizament fuq oggett li kien go vettrina li minnha nsterqu diversi oggetti?**

**Possibli li galadarba kien jiffrekwenta dak il-hanut ta' spiss, anzi skond hu 'regolarment', hu baqa ma ntgharraf minn had u ma pproduca lil hadd sabiex jikkorobrah? X'zammu milli jitlob li dik il-mara li semma' tittressaq bhala xhud biex tikkonferma li mhux biss kienet tafu imma li xi zmien qabel ma sehhet is-serqa talabha jara imqarr xi spray gun sett li l-hanut derubat kien armat bihom?**

**Kieku kien minnu li kien jiffrekwenta dak il-hanut, x'zammu milli jaghti l-ispjegazzjoni moghtija fil-qorti lill-ufficjal investigattiv dakinhar li gie mitkellem dwar il-kaz?**

Din l-osservazzjoni ahharija qed issir minghajr ma qed jigi b'xi mod insinwat li ghandha ssir xi inferenza minn dan in-nuqqas.[28] Madanakollu

[24] Xhieda tieghu a fol.189

[25] Vide ritratti 10 AKA 107 u 108; fol.77

[26] Vide ritratt 10 AKA 109; fol.77

[27] Fol.188

[28] Bl-introduzzjoni tal-*Att LI tal-2016* iddahhlet disposizzjoni fl-artikolu 355AUA(7) tal-Kodici Kriminali li tipprekludi li ssir xi **inferenza min-nuqqas** tal-persuna

jigi sottolinejat li persuna li qed tigi akkuzata b'certu ghemil, hi mistennija li taghmel id-difiza taghha mal-ewwel opportunita`, anke jekk wiehed hekk jistenna tenut kont li hu fl-interess ta' kull persuna li xxejjen kull suspett minn fuqha, u partikolarment f'dan il-kaz fejn jekk kellu jitwemmen l-imputat li kien jiffrekwenta il-hanut imsemmi b'regolarita`, kien aktar mistenni minnu li joffri tali spjegazzjoni lill-pulizija.

Jibqa l-fatt li nstabet impronta digitali fuq oggett li kien ikun mizmum maghluq gewwa vettrina u ma ngiebet ebda prova li mqarr tindika li kien hemm okkazzjonijiet fejn klijenti, u mhux necesarjament l-imputat, gew mghoddija oggetti li kienu *on display*; anzi dan gie kategorikament eskluz minn James Camilleri: ***"Le ma nuru xejn dik fil-vetrina ma jmissha hadd. .... Il-vetrina maghluqa."***[29]

Issir riferenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb** tal-Qorti tal-Appell Kriminali:[30]

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."[31] ......

---

suspettata jew akkużata milli ssemmi fatti li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala provi ta' ħtija jew li jammontaw għall-korroborazzjoni ta' kwalunkwe prova ta' ħtija tal-persuna suspettata jew akkużata.

[29] Ibid.

[30] Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono; App. Krim. Nru. 108/2006

[31] Dik is-sentenza kienet kompliet:

**Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" **[7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta'** ***"matching points"*** **jew** ***"points of comparison"*** **li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-** ***"point of comparison"*** **.**BLACKSTONES **- "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-**

Kif anke ddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Josef Buttigieg** meta qiset il-valur probatorju ta' impronti digitali:[32]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[33] tinstab rassenja ta' gurisprudenza dwar impronti digitali:

---

**"Properly presented *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**

**See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robberyconviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**

***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....."***

***He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

**Fil-fatt It-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta' *"14 points of comparison"* li skond l-esperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.**

[32] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli; Deciza 18.10.2017. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Kenneth Ellul,** Deciza 9 ta' Mejju, 2016 mill-istess Qorti kif preseduta.

“Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta’ Gunju, 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*“Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta’ fingerprints qeghda hemmhekk biex f’xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f’kazijiet fejn dik tkun l-unika prova”.*

*Fid-decizjoni moghtija fis-27 ta’ Mejju 1999 mill-Qorti tal- Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.*

*Illi fis-sentenza moghtija 30 ta’ Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:*
“f’dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero’ hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza”.

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:
*“Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification”*.
F’dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[34]**.** F’din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[35] fejn inghad

*“L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat.”(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta’ Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)”.*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kompliet hekk:
*“Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f’dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta’l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f’mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita’ tal-imputat.”*

---

33 Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta’ Mejju 2016

34 Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali deciza 15 ta’ Mejju 2013

35 Deciza 7 ta’ Marzu 2002 mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali

Illi fuq dan l-insenjament u mir-rizultanzi processwali fejn tispikka l-verzjoni xejn kredibbli tal-imputat, verzjoni li kif inghad hi nieqsa ghal kollox minn provi korroborattivi, iwasslu lill-Qorti ssib l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Gew esebiti diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat minn fejn jirrizultaw l-istess konnotati.[36] Permezz ta' sentenza moghtija nhar it-22 ta' Gunju, 2009,[37] jirrizulta li l-imputat kien tqieghed taht *probation order* ghall-tlett snin filwaqt li b'sentenza tad-29 ta' Jannar, 2008, l-imputat kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat fi zmien sena. Dwar din l-ahhar sentenza ma hemm ebda imputazzjoni.

Fir-rigward tas-sentenza tas-6 t'Awissu, 2008, din hi nieqsa mill-konnotati tal-imputat u ghalhekk il-Qorti mhux qed tiehu konjizzjoni taghha kif lanqas mhu jittiehed konjizzjoni tas-sentenzi tat-30 ta' Settembru, 2015,[38] u dik tas-6 ta' Gunju, 2012,[39] tenut kont li r-reati li nstabet htija dwarhom jirrisalu ghal wara id-data tal-akkuzi odjerni. Ghaldaqstant l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici ma giex pruvat u dan wara li jirrizulta li l-imputat kien inghata sentenzi ai termini tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.[40]

Illi r-raba imputazzjoni giet soddisfacentement ippruvata bis-sentenza tat-22 ta' Gunju, 2009,[41] meta l-imputat tqieghed taht *probation order* ghall-tlett snin. Kwindi huwa ben evidenti li l-imputat kiser tali ordni ghaliex l-akkuzi odjerni jirrisalu ghat-28 ta' Frar, 2010, u ghalhekk fit-terminu operattiv ta' dik is-sentenza. Ghalhekk din il-Qorti se titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dawk il-proceduri l-imputat kienet gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` Bugibba San Pawl il-Bahar fis-27 ta' Gunju, 2008, f'xhin bejn nofsinhar u l-5.00pm kkommetta serq, liema serq huwa ta' valur iktar minn 23 Euro u inqas minn 2,300 Euro ghad-detriment ta' terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz. Kif ukoll kien akkuzat

---

[36] Sentenza datata 29.01.2008 (Dok. SB2-fol.109);
[37] Dok. SB4 a fol.114
[38] Dok. SB3 a fol.111
[39] Dok.SB5 a fol.116
[40] Ai termini tal-artikolu 25 tal-Att.
[41] Dok. SB4 a fol.114

talli fid-9 ta' Lulju, 2008, f'Bugibba, San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn nofsinhar u l-5.00pm ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PS 715 u PS 214 u ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat li jista' jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor.

Ghalhekk din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet li taghhom kien, fuq ammissjoni, instab hati. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li timponi piena karcerarja.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali voluminuza tieghu, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal aktar minn seba snin ilu izda fejn sa Awissu, 2013, l-imputat ma kienx ghadu sar suspettat.[42]

Ittiehed kont tas-sentenzi esebiti minn fejn jirrizulta li l-imputat inghata diversi opportunitajiet jirriforma ruhu, izda jirrizulta daqstant iehor li dawn l-opportunitajiet precedentement moghtija lilu minn diversi qrati, ma swew ta' xejn ghajr ta' incentiv biex ikompli fil-hajja refrattarja tieghu! Piena karcerarja ghalhekk ghandha tkun dik applikabbli ghal kaz in dezamina.

Illi qed jigi kkunsidrat ukoll li t-tieni imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini ghar-reati ta' serq, l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 20, 31, 49, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281(a) 325(1)(c)[43] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mit-tielet imputazzjoni dwar l-addebitu tar-recidiva, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah tlettax il-xahar prigunerija.

[42] Fol.78

[43] Qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 il-piena ghal dan ir-reat kienet ta' bejn 5 xhur u sena (artikolu 325(1)(b)) izda wara dawn l-mendi din giet ridotta ghal massimu sa sitt xhur prigunerija u ghaldaqstant qed tigi applikata din il-piena aktar favorevoli ghall-akkuzat.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tar-raba imputazzjoni, u cioe li wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation tat-22 ta' Gunju, 2009, maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet. Qed jittiehed kont tal-ammissjoni bikrija f'dawk il-proceduri.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 17, 20, 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2), 279(a), 280(2) u 338(ee) tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u tikkundannah ghall-perjodu ulterjuri ta' hdax il-xahar prigunerija.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,029.97 rapprezentanti l-spejjez peritali.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**